TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 66/11 (JE).

Dominic Stafrace

vs

Dorkins Ltd.

Illum, 14 ta' Ottubru 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Dominic Stafrace tat-23 ta' Marzu 2013 fejn stqarr illi kien xtara par żraben mingħand is-soċjetà konvenuta u l-għarusa tiegħu kull ma libsiethom sagħtejn imma diġa ttieklu. Meta lmenta dwar dan, l-unika sodisfazzjon li ħa kien illi s-soċjetà konvenuta qaltlu illi dan huwa tip ta' żarbun illi jittiekel malajr.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha ċaħdet l-allegazzjonijiet tal-attur illi ż-żarbun "ittiekel" wara biss sagħtejn ta' użu.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, jidher illi huwa minnu illi ż-żarbun in kwistjoni beda jittiekel wara illi ntuża, skond ir-rikorrent, għal sagħtejn biss. Is-soċjetà konvenuta qiegħda tikkontendi illi ż-żarbun m'għandu l-ebda difett tal-manifattura u s-sinjali ta' użura li hemm fil-qiegħ taż-żarbun tal-lemin huwa l-konsekwenza naturali tal-mod kif intuża ż-żarbun. Ikkontendiet ukoll illi dan iż-żarbun għandu qiegħ tal-gomma anqas iebes sabiex ikun aktar komdu u aktar flessibli.

It-Tribunal iħoss illi żarbun ta' ditta rinomata m'għandhux juri sinjali ta' użura meta jkun għadu bil-kemm kemm intuża. Kien jispetta lis-soċjetà konvenuta illi tipprova dak allegat minnha illi l-użura illi rriżultat wara illi kien intuża darba għal żewġ sigħat ġiet kkawżata mill-fatt illi l-qiegħ huwa tal-gomma sabiex ikun aktar komdu u aktar flessibli. Is-soċjetà konvenuta naqset illi tagħmel dan u ma ssostanzjatx sodisfaċentement dak illi allegat. Mill-banda l-oħra, l-attur għandu dritt jistenna illi ż-żarbun illi xtara jkun tal-kwalità pattwita u jkun ta' materjal illi jservi għall-iskop mixtri. F'dan il-każ, jidher illi ż-żarbun in kwistjoni ma kienx ser jilħaq l-aspettattivi tal-konsumatur stamte illi mill-ewwel kien qed juri sinjali ċari ta' użura minkejja illi ftit kien intuża.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-attur u jordna illi s-soċjetà konvenuta tirrifondi s-somma ta' € 50 kemm sewwa l-istess par żraben u dana wara illi l-attur ikun irrestitwixxa l-istess par żraben fl-istat illi kien meta ġie esibit fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.